# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 10 ta' April 2025**

**Numru 5**

**Rikors Numru 935/2021**

**Amanda Zammit (ID 507581M) f'isimha proprju u f'isem binha minuri Sven Zammit**
**vs**
**Ryan Sultana (ID 329497M) u Michael Sultana (ID 232575M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Amanda Zammit fil-kwalita' minnha premessa (l-Attriċi) tat-23 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> Jesponu bir-rispett u bil-gurament taghha Amanda Zammit tikkonferma:
>
> 1. Illi nhar il-Sibt 5 ta' Novembru 2016, ghall-habta tas-6:00 p.m., waqt li Barry Zammit kien qed isuq il-mutur Honda CB 600 F numru ta' registrazzjoni ACG-992 fi triq Hal-Far, limiti ta' Birzebbugia sejjer lejn id-dar fid-direzzjoni tal-Gudja, u l-konvenut Ryan Sultana kien qed isuq il-karozza Toyota Vitz numru ta' registrazzjoni ABV-105, proprjeta' tal-

konvenut Michael Sultana, baqa' hiereg minn sqaq ghal go Triq Hal-Far, u kkaguna incident mal-imsemmi mutur misjuq minn Barry Zammit.

2. Illi b'konsegwenza tal-istess incident tilef hajtu l-imsemmi Barry Zammit, ir-ragel tal-attrici Amanda Zammit u missier Sven Zammit. Inoltre l-atturi Amanda Zammit u binha Sven Zammit sofrew hsarat u danni ohra kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-incident imsemmi sehh unikament bi htija tal-konvenut Ryan Sultana minhabba negligenza, traskuragni, imperizja, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u bi htija tal-konvenut l-iehor Michael Sultana minhabba li ppermetta lill-konvenut l-iehor isuq il-vettura wahdu meta kien jaf li ma kellux esperjenza tas-sewqan sufficjenti.

4. Illi minkejja li gew interpellati, anke ufficjalment, sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kagunati minnhom kif fuq inghad, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u previa kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-attur jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi li sehh fil-5 ta' Novembru 2016 fi Triq Hal-Far, limiti ta' Birzebbugia, kif fuq inghad, u ghad-danni kollha li sofrew l-atturi b'konsegwenza tal-istess;

(ii) tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-atturi, okkorrendo bin-nomina ta' perit nominandi;

(iii) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' April 2019, u tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2021, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Ryan Sultana u Michael Sultana (il-konvenuti) tas-17 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu wieġbu u eċċipew is-segwenti:

Jecepixxu bir-rispett u bil-gurament taghhom Ryan Sultana u Michael Sultana jikkonferma li huwa jaf personalment bil-fatti:

Dwar il-fatti dikjarati:

1. Illi il-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu attrici huma kontestati billi l-incident de quo sehh unikament tort ta' Barry Zammit li ma esercitax il-kawtela minnu rikjesta fis-sewqan tal-mutur.

2. Illi dwar il-fatti dikjarati fit-tieni paragrafu attrici ma huwiex kontestat li Barry Zammit tilef hajtu kagun tal istess incident izda l-esponenti jirrizervaw il-posizzjoni taghhom dwar il-hsarat reklamati mill-atturi billi dawn ghandhom jigu ppruvati skond il-ligi;

3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu attrici huma kontestati u dan apparti l-fatt li essenzjalment ma humiex fatti imma sottomissjonijiet;

4. Illi l-fatti dikjarati fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati. Apparti minn hekk, fil-mori tal-proceduri gew decizi procedimenti kriminali fil-konfront ta' Ryan Sultana f' liema il-Qorti ddecidiet li l-istess Ryan Sultana ma kienx jahti ghall-incident.

Eccezzjonijiet

L-eccpjenti jecepixxu bir-rispett:

1. Fl-ewwel lok u preliminarjament, li it-talbiet rikorrenti huma preskritti bid-dekors tat-terminu ta' sentejn u dan ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civil (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Fit-tieni lok u preliminarjament, l-intimat Michael Sultana ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante li huwa assolutament ma kienx involut fl-incident *de quo*.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova illi huma s-successuri fit-titolu tad-defunt Barry Zammit.

4. Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati ma huma responsabbli ghall-ebda dannu soffert mir-rikorrenti u mid-decedut Barry Zammit.
   Illi f'dan ir-rigward jigi rilevat li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza taghha fit-28 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Ryan Sultana* ikkonkludiet li l-incident *de quo* sehh unikament b'tort tad-defunt Barry Zammit.

5. Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti tehtieg tressaq provi tad-danni minnha pretizi.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fit-totalita' taghhom.

B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b' riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-ecceipjenti naxxenti mill-incident de quo

Rat l-atti u dokumenti fil-Kawża.

Rat u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors tal-Kawża mill-partijiet.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza

**Punti ta' fatti**

Din hija kawża li titratta mewt fatali b'konsegwenza ta' kolliżjoni bejn mutur, li kien qiegħed jinstaq minn Barry Zammit, żewġ l-Attriċi u missier il-minuri, u Ryan Zammit li kien qiegħed isuq vettura. Dan l-inċident seħħ fil-5 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm fi Triq Ħal-Far, limiti ta' Birżebbugia.

Fil-mument tal-inċident il-konvenut Ryan Sultana kien ħiereġ minn sqaq li jagħti għal ġo' triq maġġuri. Kif ħareġ sema' ħabta kbira. Kien l-imsemmi Barry Zammit li kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu b'veloċita' li tiżboq dik permessa f'dik it-triq. B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-imsemmi Barry Zammit tilef ħajtu.

Għalhekk l-Attriċi qed tagħmel din il-Kawża għad-danni kontra l-konvenut Ryan Sultana u kontra missieru l-konvenut l-ieħor, Michael Sultana talli ppermetta lil Ryan, it-tifel tiegħu, isuq il-vettura inkwistjoni, li fis-sewwa hija tan-nannu patern ta' Ryan.

**Punti ta' Liġi**

L-azzjoni esperita f'din il-Kawża hija indubbjament abbażi tal-artikoli 1031 u 1032(2) tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk l-azzjoni hija dik fejn kulħadd huwa mistenni li jġib ruħu sew mingħajr ma jagħmel ħsara lil ħaddieħor u jekk hekk jagħmel dik il-ħsara jrid jagħmel tajjeb għaliha.

Dan il-ħsieb huwa rifless fis-segwenti tlett artikoli tal-Kodiċi Ċivili:

Art 1031 (1) *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar*". U Art 1033 li jiddisponi li "*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

Fis-*Sentenza fl-ismijiet* ***Dr. Remigio Zammit Pace noe -vs- Reginald Fava et noe et, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004***, il-Qorti qalet hekk fir-rigward l-obbligi msemmija:-

"L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "*kull min …. mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk*". Dawn il-prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fis-**Sentenza fl-ismijiet Bonnici -vs- Mizzi, deċiża minn din il-Qorti fit-**

**28 ta' Marzu, 2003**, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "*Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene*" (Vol.XXIV.I.172)".

Fl-aħħar nett irid jingħad li l-prinċipji ennunċjati fil-Kodiċi Ċivili huma ġenerali li fihom jissubentraw obbligi oħrajn speċifiċi kif ingħad bħal per eżempju d-direzzjoni li jagħti l-*High Way Code* lil kull sewwieq u pedun.

**Konsiderazzjonijiet**

Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tqies il-mertu, ser tittrata, l-ewwel l-eċċezzjoni li l-azzjoni ma hiex aktar proponibbli għaliex hija kolpita bil-preskrizzjoni estentiva taħt artikolu 2153 tal-kodiċi. It-tieni eċċezzjoni titratta jekk il-konvenut Michael Sultana għandux iwieġeb għat-talbiet Attriċi għaliex mhux il-leġittimu kontradittur.

*Preskrizzjoni taħt artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.*

Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn"*

Issa l-artikolu sussegwenti u ċioe' 2154 jiddisponi hekk:

*"Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali".*

Issa huwa minnu, li mewt b'konsegwenza ta' inċident involuntarju ma huwiex, rejat ai fini tal-artikolu 2153. Iżda dawn il-Qrati dejjem ikkunsidraw li mewt b'konsegwenza ta' rejat involuntarju huwa rejat ai fini ta' l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

Dawn il-Qrati jgħallmu li *"...l-għemil tal-konvenuti huwa dak ta' "min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd", li huwa r-reat kriminali ta' omiċidju involontarju kif definit taħt l-art. 225 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa biżżejjed biex għall-każ ikun igħodd l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk imbagħad ma jinstabx li l konvenuti, jew xi ħadd minnhom, huwa ħati ta' dak in- nuqqas, dan, kif ġà ngħad, iwassal biex l-azzjoni taqa' minħabba nuqqas ta' prova tal-premessa tagħha, u mhux minħabba preskrizzjoni taħt l-art. 2153"* (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet Mary Ann Borg noe -vs- Korporazzjoni Enemalta u Charles Bonello**).

Issa bil-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti huwa palesament ċar li hawn si tratta ta' mewt u dan *res ipsa loquitur.* Għalhekk għal din il-Qorti hija ċara li l-eċċezzjoni sollevata ma hiex applikabbli u ser tkun miċħuda.

*Il-Konvenut Michael Sultana ma hux il-legittimu kontradittur.*

Is-sentenza li għamlet l-aħjar espożizzjoni tal-figura tal-leġittimu kontradittur hija dik mogħtija fil-**5 t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet Frankie Refalo v Jason Azzopardi** ppreseduta

mill-Onor. Prim Imħallef Joseph Said Pullicino – sentenza spiss iċċitata fil-ġurisprudenza sussegwenti:

"*Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies <u>li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha</u>, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha.*

*Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-*

*eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

*Konsidrata f'dawn it-termini, is-sentenza preliminari, li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur ta' l-attur, tirriżulta waħda ġusta, inkwantu l-fatti kif jirriżultaw fl-eżami limitat li l-ewwel Qorti neċessarjament kellha tagħmel, kienu pjenament jiġġustifikaw l-konkluzjoni li l-konvenut appellant kellu għalxiex jirrispondi għat-talbiet attriċi billi dawn kienu adegwatament jistabilixxu li hu kien intrometta ruħu fin-negozju li minnu oriġinat l-azzjoni.*

*Il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabilita` fuq il-konvenut appellant, hu propju l-mertu tal-kawża li għad irid jiġi epurat u deċiż. F'dan ir-rigward il-jeddijiet ta' kull parti in kawża kienu u għadhom impreġudikati kif għadhom impreġudikati l eċċezzjonijiet l-oħra kollha avvanzati mill-istess konvenut appellant li dwarhom l-ewwel Qorti għad trid tiddelibera"* (Emfażi tal-Qorti).

Issa sa fejn jirrigwarda lill-konvenut Michael Sultana, mill-provi jirriżultaw is-segwenti fatti.

Bħala fatt jirriżulta li l-konvenut l-ieħor kien tal-eta' li jsuq vettura fit-triq. Di fatti l-Polza tal-assigurazzjoni kienet fuq Angelo Sultana u Ryan Sultana li kien indikat bħala *authorised driver*. (a' fol 326). Ryan Sultana twieled fit-28 ta' Awwissu 1997 (a' fol 330). Dak iż-żmien tal-inċident kellu 18 -il sena

(a’ fol 337). Skond rappreżentant ta’ Transport Malta l-vettura li saq il-konvenut hija reġistrata fuq Angelo Sultana (a’ fol 207 tergo). Jirriżulta, li l-konvenut ġab il-liċenzja fil-11 ta’ Ottubru 2016 (a’ fol 144).

Huwa minnu wkoll li l-konvenut Ryan Sultana kien jgħix mal-konvenut l-ieħor u li dan Ryan Sultana ma kienx ilu li ġab il-liċenzja. Imma skond il-Qorti, dan ma jfissirx li l-konvenut Michael Sultana huwa responsabbli għal dak li għamel ibnu, li kien maġġorenni, għandu liċenzja tas-sewqan, u li l-vettura kienet tappartejni lin-nannu patern. Di pju kienet ukoll assigurata biex tinstaq fit-triq.

Ara li kieku l-konvenut Ryan Sultana kien għadu taħt l-eta’ anke jekk il-vettura ma kinitx tal-konvenut Michael Sultana, iżda xorta jippermettilu jsuqha bil-pjena konsapevolezza tiegħu, hemmhekk ċertament kien ikollu jwieġeb. Imma minn dan kollu l-Qorti ma tara xejn f’din il-Kawża. Il-Qorti ma tistax tara kif fi kliem fis-Sentenza suċitata, il-konvenut Michael Sultana “*kellu għalxiex jirrispondi għat-talbiet attriċi billi dawn kienu adegwatament jistabilixxu li hu kien intrometta ruħu fin-negozju li minnu oriġinat l-azzjoni”.* Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tintlaqa’ u konsegwentement ser tkun qed tillibera lil dan il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.

*<u>Il-Mertu</u>*

Bħal ma dejjem jiġri f’kawżi bħal dawn, l-ewwel ma għandu jkun stabbilit hu, jekk il-konvenut għandux iwieġeb waħdu jew mas-sewwieq l-ieħor fi grad differenti għall-inċident.

L-Attriċi bħal donnha tistrieħ ħafna fuq il-fatt li l-konvenut instab ħati tal-inċident mill-Qorti tal-Appell Kriminali (a' fol 233). Pero' tajjeb li niftakru li kif dejjem irribadew dawn il-Qrati, sejba ta' ħtija fil-kamp penali ma hiex bil-fors konduċenti għall-sejba ta' responsabbilita fil-kamp Ċivili. Imqar niftakru li l-grad ta' prova u konvinċiment f'wieħed jew l-ieħor huma differenti għall-aħħar. Din il-Qorti ma għandiex issib li ma hemmx responsabbilita' minħabba dubbju raġjonevoli li tidetta r-raġuni, iżda trid tara jekk fuq il-preponderanza tal-provi u bilanċ ta' probbabiltajiet hemmx responsabbilita' Ċivili. Għalkemm il-provi akkwiżiti fil-kriminal jistgħu jittieħdu inkonsiderazzjoni u hekk ukoll ir-raġunament u argumenti ta' dik il-Qorti kemm -il darba dawn ikunu jissodisfaw il-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili **(Ara Sentenza tat-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet George Bugeja -vs- Joseph Meilak Prim Awla tal-Qorti Ċivili).**

Dwar ir-responsabbilita' tal-inċident mill-provi jirriżulta s-segwenti:

Jibda biex jingħad li Barry Zammit kien għaddej fi dritta tiegħu tat-Triq Maġġura msemmija Triq Ħal-Far meta l-vettura ta' għamla Toyota mudell Vitz misjuqa minn Ryan Sultana kienet ħierġa minn triq sekondarja li tagħti għal Ħal Saptan. Il-konvenut Ryan Sultana kien għadu kemm ħareġ minn fuq *stop sign* u kien qed jidritta l-vettura misjuqa għal fuq it-triq maġġura meta motoċiklist ġie minn warajħ. Kif waslu fil-viċinanzi ta' xulxin seħħet il-kolliżjoni. (a' fol 29).

Skond il-Perit imqabbad fl-inkjesta dan qal "*huwa tal-fehma illi meta Sultana kien għaddej fit-triq karreġġjata tiegħu huwa ħareġ minn triq*

*sekondarja għal fuq triq prinċipali. Illi hemm sab lil Zammit li kien għaddej f'din it-triq b'veloċita' eċċessiva ta' 96 kilometru fis-siegħa, Illi għalkemm applika il-brejkijiet b'dik il-veloċita' hu ma setax iżomm il-mutur tiegħu bil-konsegwenza li seħħet il-kolliżjoni. Bil-kalkoli xjentifiċi li għamel l-espert irriżulta li Zammit kien in line of vision bejn wieħed u ħamsin metru sa erbgħa u sittin metru (51-64) 'l bogħod minn fejn kienet il-vettura ta' Sultana. Illi li kieku Zammit kien għaddej b'veloċita' ta' ħamsin kilometru fis-siegħa hekk kif inhu indikat fit-tabelli stradali fl-inħawi Zammit kien jevita l-inċident f'distanza ta' tmienja u għoxrin metru*" (a' fol 30). Skond dan il-Perit għalkemm Zammit naqas għaliex kien għaddej b'veloċita' aktar milli tippermetti t-tabella f'dawk l-inħawi dan l-inċident *"... ġie kkawżat primarjament mill-vettura misjuqa minn Sultana li naqas li jieħu l-miżuri kollha sabiex jevita l-inċident*" (A' fol 31 u a' fol 147 u a' fol 125 sa 153 u ara wkoll a' fol 133).

Waqt l-inkjesta ġie osservat li minn fejn ħareġ il-konvenut il-vista tiegħu u għal kull sewwieq fil-posizzjoni tiegħu hija pjuttost limitata. Jingħad ukoll, li minn fejn kienet il-vettura tal-konvenut mutur jintlemaħ minn 192 metru 'l bogħod (a' fol 146). U Skond l-espert tal-Qorti l-partijiet setgħu jaraw lil xulxin (a' fol 153). Dan l-espert jikkonkludi li l-konvenut saq il-vettura tiegħu b'mod, perikoluż, negliġenti u b'imprudenza kbira (a' fol 154).

In kontro eżami l-espert Mario Buttigieg jgħid hekk fir-rigward tal-konvenut Ryan Sultana *"... Imma il-biċċa tax-xogħol hija li suppost waqaf fuq l-istop sign, mela waqaf, qed jistenna, qed jara għal karrozzi jew muturi whatever*

*li huma ġejjin, jara imbagħad li hija clear jidħol fit-triq il-maġġura. Jiġifieri bil-fors meta ħareġ hu kien diġa' qiegħed jintlemaħ*" (a' fol 255).

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-Sentenza erudita' tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 26 ta' Mejju 2022. Il-Qorti taqbel perfettament mal-analizi tal-fatti li għamlet dik il-Qorti. Taqbel li fid-dawl tal-fatti li jemerġu mill-atti, li l-konvenut Ryan Sultana ma wera xejn prudenza meta ħareġ mill-isqaq għal ġo triq maġġura.

Kif jispjega Antolisei, "*L'imprudenza e' propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui*". (Ara **Antolisei F, "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366**). U fin-**Novissimo Digesto** Italiano insibu ukoll li "*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."* (Ara **Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548**). Bl-istess mod fis-**Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998**, ingħad illi "*L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli*". Kif fil-fatt għamel il-konvenut kif spjega x'kellu jagħmel l-espert tal-Qorti fl-inkjesta. Dan ifisser ukoll li kien hemm da parti tiegħu mankanza ta' *proper look out* li **f'Deċiżjoni fl-ismijiet Pulizija -vs- J.M. Laferla** l-Qorti qalet li:

"*min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm 'a proper lookout".*

Issa kif rajna aktar 'l fuq, il-konvenut kien fil-*line of vision* li jkun jaf min ġej. Iżda sinjifikanti wkoll li xhud estraneju li inzerta kien fuq il-post tal-inċident. Andras Tolgyisi jgħid li "*Before the accident we did not see the vehicle travelling in the road"* (ara a' fol 142). Dan jimplika li din il-Qorti ma teskludiex li l-konvenut ma hux minnu li waqaf fuq l-istop sign anzi qabad u ħareġ fi triq maġġura.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma għandha ebda diffikulta' li ssib li hemm responsabilita' tal-konvenut Ryan Sultana għall-inċident. Li ssib diffiċli hu, li takkollaħ bir-responsabbilita' kollha, għaliex din il-Qorti temmen li anke l-mejjet ta' okkażjoni għall-inċident.

Skond il-perit ta' l-inkjesta "*Zammit li kien għaddej f'din it-triq b'veloċita' eċċessiva ta' 96 kilometru fis-siegħa, Illi għalkemm applika il-brejkijiet b'dik il-veloċita' hu ma setax iżomm il-mutur tiegħu bil-konsegwenza li seħħet il-kolliżjoni. Bil-kalkoli xjentifiċi li għamel l-espert irriżulta li Zammit kien in line of vision bejn wieħed u ħamsin metru sa erbgħa u sittin metru (51-64) 'l bogħod minn fejn kienet il-vettura ta' Sultana. Illi li kieku Zammit kien għaddej b'veloċita' ta' ħamsin kilometru fis-siegħa hekk kif inhu indikat fit-tabelli stradali fl-inħawi Zammit kien jevita l-inċident f'distanza ta' tmienja u għoxrin metru*" (a' fol 30 Emfażi tal-Qorti). Zammit naqas għaliex kien għaddej b'veloċita' aktar milli tippermetti t-tabella f'dawk l-inħawi, li hija ta' 50 kilometru fis-siegħa mentri hu kien kważi għaddej bid-doppju tal-

veloċita' permissibli mil-liġi. Għalhekk l-espert jgħid hekk dwar dan l-inċident *"... ġie kkawżat* *primarjament* *mill-vettura misjuqa minn Sultana li naqas li jieħu l-miżuri kollha sabiex jevita l-inċident*" (A' fol 31 u a' fol 147 u a' fol 125 sa 153 u ara wkoll a' fol 133 emfażi tal-Qorti).

Skond l-espert tal-Qorti, il-partijiet setgħu jaraw lil xulxin (a' fol 153). Għalhekk anke Zammit seta' jara lil Sultana, iżda ma hemm ebda dubbju li anke jekk għamel xi manura evażiva, bil-veloċita' li kien għaddej biha ma kinitx tippermetti li jiskansa l-inċident. Li kien ġej b'veloċita qawwija ma jirriżultax mit-testijiet xjentifiċi li għamel il-perit tal-Qorti biss, iżda huwa evidenti wkoll mill-ħsarat estensivi fuq wara tal-karrozza tal-konvenut Ryan Sultana (a' fol 65). Tant l-impatt kien qawwi, li Andras Tolgyisi, li nżerta f'dik it-triq jiftakar, li sema ħoss u kif ħares warajh jara raġel u mutur fl-arja (a' fol 139). Ċertu Ilisics Nora kkonferma dan (a' fol 139).

Il-Qorti għalhekk ma tħossx li l-konvenut għandu jerfa' ir-responsabbilita' tal-inċident waħdu. Anke l-istess Appell Kriminali impliċitament jagħraf dan meta l-Qorti osservat hekk: "*Biss, mill-provi appena analizzati ma jistax jingħad. Anke fuq bażi ta' probabbilita', li din il-veloċita' eċċessiva tal-mutur, kienet l-**uniku kawża** ta' dan l-inċident stradali"* (Emfażi ta' **dik** il-Qorti a' fol 249). Minn dan nistgħu faċilment ngħidu li għalkemm impliċitament, ir-responsabbilita' għall-inċident trid tinqasam bejn it-tnejn involuti fl-inċident. Issa f'dan il-każ, ma hiex kwistjoni ta' kontribuzzjoni għall-ħsara da parti tal-mejjet, iżda hija kwistjoni li bħall-konvenut Ryan Sultana, ta okkażjoni għall-inċident. Din il-Qorti kif presjeduta kellha okkażjoni tispjega dwar dan fis-

**Sentenza tal-20 ta' Mejju, 2021 Censina Robinson -vs- Josef Zerafa**. Mhux Appellata.

F'dan ir-rigward, l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dikil-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni*"

Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għal ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja. Pero' il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara.

Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra. F'dan il-każ kien ġej b'veloċita' eċċessiva).

Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-mejjet f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni kategorija. Fil-każ ta' aġir tal-vittma li taqa' fit-tieni kategorija, meta l-Qorti tagħmel l-apporzjonament ta' responsabbilita' għall-inċident, il-kwantum tal-kontributorjeta' huwa aktar aċċentwat minn meta l-vittma tikkontribwixxi biss għall-ħsara iżda mhux għall-inċident. Dik tal-aħħar qatt ma tista'

tingħad li kienet b'xi mod kwalunkwe l-kawża prossima tas-sinistru fih innifsu. B'estensjoni mal-analoġija tas-seat belt, kieku Zammit ma kienx qed isuq il-mutur bis-saħħa x'aktarx l-inċident ma seħħx jew ma kienx jitlef ħajtu u dan anke kif osserva l-espert tal-Qorti.

Dwar kif għandu jkun hemm apporzjonament ta' responsabbilta', din il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Galdes -vs- Victor Micallef, Appell Ċivili tal-20 ta' Jannar 1964 (Vol XLVIII.i.59)** fejn il-Qorti spjegat hekk:

"*Li meta jkun hemm ħtija kontributorja da parti tad-danneġġat, huwa dejjem imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa għal jew ikkaġuna il-ħsara li ġarrab sew jekk id-danneġġjant jew id-danneġġjanti ikunu ikkaġunaw id-dannu b'sempliċi kolpa jew anke b'dolo, mingħajr regola prestabbilita' mill-liġi stess li tistabilixxi għal nofs jew frazzjoni oħra. Kollox f'kull każ jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.*"

F'dan ir-rigward huwa interessanti wkoll dak li tgħid il-ġurisprudenza Ingliża f'dan ir-rigward u ċioe' li "*apportionment involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional cases"* (Ara **House of Lords Mcgregor Case [1943] A.C 197. Ara wkoll Sentenza Edward George Arrigo et -vs- Paul Laferla, Appell Kummerċjali tas-16 ta' Mejju 1960**).

Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ tħoss li r-responsabbilta għall-inċident mertu tal-kawża hija, kwantu għal sittin fil-mija (60%) tal-konvenut Ryan Sultana u għar-rimanenti erbgħin fil-mija (40%) Barry Zammit. Fiċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ l-inċident, għandu jwieġeb aktar il-Konvenut għall-inċident.

***Danni sofferti.***

Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jistabilixxi li *"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, lidak l-għemil seta' jġib".* Dan l-artikolu jkompli jiddisponi li *"Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara".*

Għalhekk, f'sens ġenerali, id-danni huma, t-telf effettiv (*Damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ (*lucrum cessans*).

Damnum Emergens

F'din il-kawża ma hemm ebda telf effettiv. Tant huwa minnu li l-Attriċi, fin-nota' ta' osservazzjonijiet tagħha, l-anqas tittrattah dan il-punt. Din kienet mewta istantaneja, allura la kien hemm infieq ta' kura u medikamenti u lanqas telf ta' pagi. Għalhekk ma hemmx danni ta' din ix-xorta.

*Lucrum Cessans*

F’dan il-każ ma kienx il-persuna li kienet direttament involuta fl-inċident iżda huma dawk li kienu jiddependu fuq Barry Zammit, il-mejjet u ċioe’ martu u ibnu minuri. B’dan kollu salv għall-varjazzjonijiet minħabba l-każ fih innifsu, il-prinċipji li għandhom ikunu applikati huma dawk stabbiliti fil-Kawża ta’ Butler -vs- Heard kif evoluti maż-żmien mill-ermenawtika lokali.

Jibda biex jingħad li f’każ ta’ risarċiment ta’ danni bħal dak li qed titlob l-Attriċi fiċ-ċirkostanzi l-prinċipju bażiku huwa dak li din titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel l-inċident u ċioe’ daqs li kieku żewġha ma mietx. Fi ftit kliem, huwa applikabbli l-prinċipju tar-*restitutio ad integrum*. (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imħallef Lino Farrugia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Limited**).

F’dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta’ Lulju 2002 tal-Prim Awla per Imħallef J R. Micallef** fejn fir-rigward ta’ kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

Li kieku Barry Zammit ma mietx u sofra ġriehi ta’ natura permanenti l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta’ debilita’ hija meqjusa b’mod globali, fuq kif u kemm l-imsemmi kien sejjer ikun affettwat ‘l quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f’saħħtu. Imma f’dan il-każ Barry Zammit miet. Issa artikolu 1046 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponiu li “*Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut,*

*il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan*".

Għalkemm l-attriċi fil-kwalita' premessa ma tgħidx jekk hiex eredi, hi u t-tifel, li presubilment huma, din il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandux ikun l-istess każ li fir-rigward tad-dipendenti tal-mejta jiġi applikat l-istess prinċipju li jiddisponi dan l-artikolu. F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jinnotaw is-segwenti:

"*Huwa minnu, u f'dan ir-rigward din il-qorti tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellant li, hemm differenza bejn dak li għandu jingħata lill-armla u t-tfal tal mejjet, għal dak li jiġi likwidat favur il-ġenituri tiegħu u ħutu. Din id-differenza neċessarjament tirrifletti l-grad tad dipendenza fuq l-introitu ġenerat mid-decuius ta' parti u ta' oħra għall-għejxien tagħha. Pero` jiġi rilevat li l-liġi tagħna, kif inhi llum, (ara Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap 16) ma titkellem xejn fuq "dependancy" għal fini tal-komputazzjoni tad-danni u kienu biss il-qrati li, b'sens ta' ġustizzja u ekwita`, introduċew dan l-aspett innovattiv fis-sistema ġuridika tagħna"* (Ara **Sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2003 Appell Ċivili, fl-ismijiet Guzeppi Agius, Annunziata Agius u Richard Agius bħala werrieta skond il-liġi ta' Godfrey Agius vs Tarcisio Fenech**).

Hemm ukoll l-kwistjoni tal-multiplier, li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata lill-Attur. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru li "*The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation*

*in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases”* (Ara **Peter Cane, Atiyah’s Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ.128**).

Illi huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, f’dan il-każ mietet, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Barry Zammit miet fuq il-post tal-inċident fil-5 ta’ Novembru 2016. Minbarra dan, il-bixra ta’ ħsieb wara Sentenzi ta’ dawn l-aħħar snin f’dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta’ skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta’ kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista’ jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa’ tqiegħed lil tali persuna kemm jista’ jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident kif diġa’ aċċennat aktar ‘l fuq.

Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta’ tal-vittma li f’dan il-każ hija ta’ 36 sena u mhux ma’ kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta’ Jannar 2012** il-Qorti osservat li hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta’ Diċembru, 1967**. Għalhekk, jekk l-eta’ sal-pensjoni hija dik ta’ 65 sena, dan ifisser li ai fini ta’ multiplier il-Qorti ser tikkonsidra medda ta’ 29 sena.

F’dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira. Għalhekk fil-waqt li kkunsidrat li Barry Zammit ma kien qiegħed isofri minn ebda mard kroniku jew kellu xi vizzji li jgħarrqu s-saħħa b’mod li ċirkostanzi bħal dawn setgħu jqassrulu ħajtu, il-kejl li ser tkun qed tieħu din il-Qorti huwa dak mill-eta’ li kellu meta miet, sakemm kien jirtira fl-eta’ ta’ 65 sena. Dan iffiser li l-multiplier għandu jkun ta’ 26 sena.

Iżda l-figura dejjem tista’ tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji.

Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta’ April, 1963** osservat li f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.

Għalhekk irid ikun ikkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-“*lump sum payment*”. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta’ 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f’dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-

Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**).

Fis-**Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża għaliex jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-"lump sum deduction" – (ara **Sentenza PA, fl-ismijiet Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18%.

Dan huwa l-każ tal-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti stante li r-rikors ġuramentat ġie presentat fit-23 ta' Settembru 2021. B'dana kollu din il-Qorti tħoss li l-"*lump sum payment*" ai fini ta' kalkolu ta' danni, dan il-prinċipju ser ikun applikat b'mod ristrettiv, fid-dawl, mhux biss għaliex il-Kawża mxiet b'ċertu ħeffa, iżda wkoll fid-dawl tal-apporzjonament ta' responsabbilta' kif fuq spjegat.

Iżda il-qofol ta' kollox huwa l-entrojtu li tkun tilfet il-persuna minħabba l-inċident. Dan jista' jkun salarju fiss jew inkella ta' persuna li tkun impjegata għal rasha. Dan jinkludi wkoll impieg fiss jew part time jew xi qliegħ ieħor li kien jagħmel il-mejjet jew danneġjat (Ara **Sentenza tat-18 ta' Lulju, 2022. Fl-ismijiet Marco Joseph Bugeja -vs- George Fava u Atlas Insurance PCC Limited, Qorti tal-Appell).** Dawn il-Qrati dejjem sabu li l-aktar dokument affidabbli biex ikun provat l-entrojtu huwa dak tal-Kummissarju

tat-taxxa komunament magħruf bħala FS3 jew kull dikjarazzjoni li ssir fil-karta tat-taxxa. Dan id-dokument jersaq ħafna lejn il-verita', għaliex huwa probabbli li ħadd ma jrid ikun intaxxat fuq valuri li ma jaqlax it-tax payer. Jista' jkun, li l-persuna ma tiddikjarax kollox, imma imbagħad *imputet sibi* għax dak li ma jkunx dikjarat ma jitteħidx inkonsiderazzjoni ai fini ta' likwidazzjoni ta' danni.

Dawn id-dokumenti ġew esebiti (a' fol 263 et seq u 275). Issa dawn il-Qrati dejjem isostnu li s-salarju li jrid ikun ikkunsidrat huwa dak li kienet taqla' il-vittma fis-sena li jkun seħħ l-infortun. Pero' stante li l-mejjet ma kienx f'impieg fiss iżda għal rasu, taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Attriċi li din il-Qorti tqies il-medja tal-ammonti dikjarati fil-karta tat-taxxa bejn is-snin 2012 u 2017.

F'dan ir-rigward l-Awturi josservaw li "*Whilst an employed person claimant can point to the wage slips and an employment record of a claim for loss of earnings, a self employed person has more difficulty. The claimant may consider that they have lost earnings but finds it difficult to show why or to quantify loss*" (Ara **Munkman, On Damages for Pewrsonal Injuries and Death, Ed 12th. Lexis Nexis. Pg 107).** Għalhekk il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi s-somma medja tal-qliegħ tal-mejjet fis-sena hija dik ta ħdax -il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro (€11,646) (ara a' fol 447). Il-Qorti kkalkulat sal-eqreb ewro.

F'dan il-każ mhux il-vittma li qed ifittex, iżda huma d-dipendenti tiegħu. Il-liġi tagħna ma tipprovdix b'mod speċifiku dwar x'għandha tkun il-posizzjoni

legali f'din iċ-ċirkostanza. Imma ma hemm ebda dubbju, li l-qliegħ tal-mejjet kien determinanti għal kontribut sostanzjali tal-familja tiegħu, partikularment fid-dawl, li l-minuri huwa awtistiku, bl-ispejjes straordinarji li din iċ-ċirkostanza sfortunata ġġib magħha. Għalhekk il-mewt tiegħu ndubbjament kien wieħed kataklisamiku għall-finanzi tal-familja Zammit.

Dwar dan l-aspett intqal bl-aktar mod ċar is-segwenti:

"*Il-mistoqsija li tinsorġi hi din: għaliex allura ma għandhomx jitqiesu wkoll id-danni konsegwenzjali provanti dik l-interdipendenza bejn l-offiża u l-konsegwenzi tagħha fuq il-"werrieta" jew dawk non-patrimonjali provokati mit-turbament u l iskwilibriju li l-mewt, u l-aktar dik traġika u ħesrem, iġġib lill-komponenti familjari. Dan mhux biss u neċessarjament mill-perspettiva tar-rapport affettiv mal-mejjet, iżda wkoll meqjus fil-kwadru ġuridiku li, f' dan l-istess rapport, jikkreja dawk id-drittijiet u doveri sanċiti mil-liġi. Ċertament, in nukleju familjari ser ikun tilef l-appoġġ immedjat – u dan, s' intendi, japplika wkoll għall-futur – ta' wieħed mill komponenti tiegħu.*

*Tali appoġġ, anke jekk mhux wieħed ekonomiku, jista' pero` jissaraf f' telf ekonomiku fil-futur għall-familjari jekk, per eżempju, l-ġenituri jew l-aħwa jkunu jenħtieġu l-assistenza ta' persuni estranei biex jgħinuhom. Assistenza li setgħet tiġi prestata lilhom mid decujus; Il-kwestjonijiet kollegati mal-mewt improvviża b' riżultat ta' att lesiv huma kumplessi u għalhekk jibqa' dejjem diffiċli x' għandu jiġi nkluż fil-, jew eskluż mil-, likwidazzjoni tar riżarċiment tad-danni provokati mit-terz. Jibqa' l-fatt li min*

*irid jiġġudika jrid isegwi d-dettam tal-liġi kif redatt fid disposizzjonijiet relattivi, kif ġja fuq spjegat;*

*Naturalment f' każijiet ta' din ix-xorta, bl-għoti tad diskrezzjoni affidata lill-Qorti, il-miżura tal-kumpens għandha tiġi rigwardata fil-konsiderazzjonijiet ġenerali tal likwidazzjoni ta' l-ammont. Dan pero` rrispettivament minn kull teoretika dwar id-"degree of dependence" u "own consumption". Għal darba oħra l-Qorti tawspika dejjem anke f' dan is-settur normi preċiżi bl-iskop li tintlaħaq konverġenza miżurata u aktar konsona bejn id Paġna 12 minn 15 Qrati tal-Ġustizzja Kopja Informali ta' Sentenza drittijiet reċiproki tal-partijiet involuti. B' hekk ukoll jiġi assikurat l-aħjar ħarsien tagħhom"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Angelo Galea, Eva Galea, Maria et -vs- Silvio Piscopo, Prim Awla Qorti Ċivili per kompjant Imhallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003**).

Għalhekk dan huwa ċertament wieħed mill-istanzi fil-liġi fejn il-Qorti hija fdata biex b'sens ta' ġustizzja tistabilixxi x'għandu jkun il-kumpens. Tenut kont tal-qrubija tal-Atturi u kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha li jikkonduċu għall-bżonnijiet tal-familja Zammit. Għalhekk f'dan ir-rigward din il-Qorti qed tistabilixxi li l-Atturi għandhom dritt jirriklamaw 70% ta' dak li altrimenti kien intitolat jirriklama l-vittma kieku baqa' ħaj.

Apparti dan, il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkonsidrax, li kull ammont li ser ikun likwidat ser ikun ċertament suġġett għall-erożjoni mir-rati tal-inflazzjonijiet fuq ħtiġijiet ta' konsum ta' oġġetti, tenut kont ukoll l-eta' żgħira tal-minuri u l-ħtiġijiet speċjali tiegħu. Għalhekk "*at arm's length*", din il-Qorti

ser tkun qed tillikwida *arbitro boni viris* is-somma addizjonali ta' għaxart elef ewro (€10,000) oltre l-ammont li ser ikun likwidat rappresentanti d-danni li qed ikunu mitluba.

<u>*Likwidazzjoni tad-danni*</u>

€11646 (qliegħ annwali tal-mejjet) x 29 (snin sal-eta' pensjonabbli) €337,734 – 18% (lump sum payment €60,792.12) = €276,941 [100% diżabilta'] = €276,941 li minnu l-Attriċi hija intitolata għal 60%, stante li l-inċident ikkontribwixxa għalih ukoll il-mejjet fil-grad ta' 40% = €166,164 + €10,000 għall-inflazzjoni = €176,164 [total tad-danni dovuti].

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi limitatament** kif fuq spjegat stante li l-mejjet ta' okkażjoni għall-inċident fil-grad ta' 40%.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont ta' mija u sitta u sebgħin elf, mija u erbgħa u sittin ewro (**€176,164**).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-Konvenut Ryan Sultana <u>biss</u>, iħallas l-ammont hekk likwidat lill-Attriċi bl-imgħaxijiet legali mill-presenti

Sentenza sal-pagament effettiv fil-waqt li qed **tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju** lill-konvenut l-ieħor Michael Sultana.

Spejjes tal-kawża, kwantu għal sittin fil-mija (60%) a’ karigu tal-konvenut Ryan Sultana u kwantu għal erbgħin fil-mija (40%) a’ karigu tal-Attriċi.

Kwantu għall-ispejjes tal-konvenut Michael Sultana dawn għandhom ikunu wkoll sopportati fl-istess proporzjon imsemmi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**